# Reazzjoni tal-Kummissarju għall-Ħarsien tal-Annimali għall-wegħdiet imħabbra fil-manifesti elettorali 2022 tal-partiti politiċi kollha.

Alison Bezzina - Kummissarju għall-Ħarsien tal-Annimali

Malta flimkien
Robert Abela 2022

MIEGĦEK.
Għal Malta

ADPD

ABBA
Dinjità Lil Malta

ARNOLD CASSOLA

PARTIT POPOLARI

Volt

# Introduzzjoni

## Alison Bezzina- Kummissarju għall-Ħarsien tal-Annimali

Filwaqt li uħud mill-proposti u wegħdiet li nsibu fil-manifesti elettorali huma aktar utli u aktar meħtieġa minn oħrajn, mingħajr l-ammont xieraq ta' riżorsi u enerġija biex jiġi żgurat li jiġu implimentati kif suppost, il-wegħdiet ma jiswew xejn. Għalhekk lil hinn mill-politika, nittamaw illi l-ammont xieraq ta' riżorsi, ħsieb, u enerġija, jitpoġġew wara dawn il-wegħdiet sabiex ikunu mplimentati tajjeb, malajr u kif inhu xieraq.

Fil-manifest elettorali tal-**Partit Laburista** nsibu 11-il wegħda marbuta mal-annimali u l-ħarsien tagħhom. Għalkemm ħadna pjaċir naraw illi ħafna mill-wegħdiet f'dan il-manifest, huma bbażati fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissarju għall-Ħarsien tal-Annimali, minn naħa l-oħra, ħafna minn dawn il-wegħdiet kienu diġà ġew aċċettati mill-Ministeru responsabbli mill-Ħarsien tal-Annimali, u wħud minnhom diġà jinsabu fil-proċess sabiex jiġu implimentati. Dan ifisser li l-maġġoranza tal-proposti u wegħdi m'humiex wegħdiet ġodda.

Fil-manifest tal-**Partit Nazzjonalista** nsibu tliet wegħdiet relatati mal-annimali. Għalkemm it-tliet wegħdiet huma meħtieġa, ninsabu ftit iddiżapputnati, minħabbali li mill-ħafna proposti relatati mal-annimali, li ssemmew fil-midja qabel ma ġie ppublikat il-manifest, huma tlieta biss li daħlu fil-manifest uffiċċjali.

Ninsabu aktar diżappuntati minħabba l-fatt li l-**ADPD** (il-Partit tal-Ħodor) kif ukoll il-partiti żgħar l-oħra (**ABBA**, **VOLT u l-Partit Popolari**) ma nkludewx wegħda waħda li hija relatata mal-annimali fil-manifest tagħhom. Fil-fatt, f'dawn il-manifesti l-kelma 'annimali' ma tinstab imkien.

Fil-manifest tiegħu l-kandidat indipendenti **Arnold Cassola** ppubblika proposta waħda, li fl-aħħar mill-aħħar hija l-bażi fundamental tal-ħarsien tal-annimali – li l-annimali huma ħlejjaq senzjenti u li bħall-bnedmin, għandhom jiġu trattati b'rispett.

# Manifest Elettorali Partit Laburista

Malta flimkien

Robert Abela 2022

# Ħdax il-proposta dwar il-ħarsien tal-annimali


Reazzjonijiet tal-Kummissarju għall-Ħarsien tal-Annimali

Alison Bezzina

Malta flimkien

Robert Abela 2022

## Mill-manifest elettorali tal-Partit Laburista

367 Mill-2013 'il quddiem saħħaħna l-liġijiet relatati mal-protezzjoni tal-annimali, fosthom iż-żieda fil-pieni fuq il-moħqrija tal-annimali, l-abolizzjoni taċ-ċirkli bl-annimali, regolamentazzjoni fuq iż-żamma tal-klieb u liġijiet ġodda kontra l-bestjalità. Fiż-żmien li ġej ser indaħħlu strateġija nazzjonali għall-ħarsien u t-trattament xieraq tal-annimali u nesiġu li jkun hemm standards stabbiliti għall-breeders, trainers, groomers u pet sitters.

## Reazzjoni tal-Kummissarju għall-Ħarsien tal-Annimali - Alison Bezzina

Fil-manifest tal-Partit Laburista nsibu 11 il- wegħda dwar il-ħarsien tal-annimali. Din l-ewwel wegħda twiegħed strateġija nazzjonali u standards għall-breeders, trainers, groomers u pet sitters. Bi pjaċir ninnutaw li din il-wegħda ġiet ibbażata fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-Uffiċċju tal-Kummissarju li saru fil-bidu tal-2021. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet kienu diġa' ġew aċċettati u diġa' qegħdin fil-proċess li jittwettqu. Għalhekk, għalkemm nilqgħu din il-wegħda bħala waħda bżonnjuża u pożittiva', m'hijiex proposta' ġdida jew miżjuda ma' dak li diġa kien ġie kommess mill-Gvern. Nittamaw li minħabba li issa tinsab miktuba fil-mandat elettorali, il-proċess biex titwettaq ikun mgħaġġel u implimentat f'qasir żmien.

## Mill-manifest elettorali tal-Partit Laburista

368 Annimali li jinstabu f'kundizzjonijiet ħżiena għandhom jiġu megħjuna immedjatament. Għalhekk nemmnu li għandu jkun hemm tibdil leġiżlattiv sabiex id-Direttorat tal-Ħarsien tal-Annimali jkollu l-poter li jeleva annimali li jinsabu fi stat ħażin qabel ikun hemm deċiżjoni finali mill-Qorti.

## Reazzjoni tal-Kummissarju għall-Ħarsien tal-Annimali - Alison Bezzina

Jidher li din il-wegħda ġiet miktuba jew mifthema ħażin, minħabba li d-Direttorat tal-Ħarsien tal-Annimali diġa għandu l-poter li jeleva annimali li jinsabu fi stat ħażin qabel ikun hemm deċiżjoni mill-qorti. Fil-fatt dan huwa wieħed mir-rwoli prinċipali tad-Direttorat – poter li d-Direttorat minn dejjem kellu. Li jinħtieġ li isir, hu, li d-Direttorat jingħata poter addizzjonali - li jipprojbixxi dik il-persuna, li minn għandha jiġu elevatli annimali, milli trabbi iżjed annimali mill-ġurnata tal-konfiska sakemm tinqata' l-kawża mill-qorti (din kienet rakkomandazzjoni tal-Uffiċċju tal-Kummissarju li saret fl-2021). Wara li tinqata' l-kawża, l-qorti tkun tista' tikkonferma jew tħassar il-projbizzjoni temporanja tad-Direttorat.

## Mill-manifest elettorali tal-Partit Laburista

369 Filwaqt li nestendu l-iskema Adopt a Pet Allowance, ser insaħħu l-kampanji informattivi dwar l-adozzjoni filwaqt li niżviluppaw pjattaforma diġitali ċentralizzata sabiex tħeġġeġ u tiffaċilita l-adozzjoni tal-annimali.

## Reazzjoni tal-Kummissarju għall-Ħarsien tal-Annimali - Alison Bezzina

Fil-passat l-iskema Adopt a Pet Allowance ma żiditx ir-rata tal-addozzjonijiet b'mod -sostanzjali, saħansitra kull NGO tal-annimali kien kontriha u talab li tinbidel. Madankollu, jidher li din l-iskema, xorta waħda ser tiġi estiża. Nittamaw, illi tkun implimentata b'mod differenti sabiex tkun aktar effettiva, dan minħabba illi l- l-flus jistgħu jintużaw għal-affarijiet ferm aktar bżonnjużi.

Il-pjattaforma diġitali ċentralizzata li tiffaċilita' l-adozzjoni tal-annimali, kienet rakkomandazzjoni li saret fl-aħħar tal-2021. Din diġa kienet ġiet aċċettata u qed tiġi implimentata mill-Uffiċċju tal-Kummissarju tal-Annimali, mingħajr ebda spiża għall-istat.

## Mill-manifest elettorali tal-Partit Laburista

370 Ser niftħu rehoming centre modern għall-adozzjoni tal-annimali tat-triq u dawk li sfortunatament is-sidien tagħhom ma jkunux jistgħu jibqgħu jżommuhom. Iċ-ċentru jrid jipprovdi wkoll kenn għal żwiemel u annimali abbandunati oħra li jkunu tqal.

## Reazzjoni tal-Kummissarju għall-Ħarsien tal-Annimali - Alison Bezzina

Din hija waħda mill-aktar wegħdiet bżonnjużi, u li għandha titwettaq f'qasir żmien. Sfortunatament, il-pjan għal dan ir-rehoming centre ilu fuq il-karti għal snin twal, iżda s'issa dan qatt ma seħħ. Nittamaw, illi la darba dan ir-rehoming centre huwa nkluż fil-mandat elettorali, dan għandu jseħħ fil-leġistatura li jmiss (2022-2027).

In-nuqqas ta' spazju ġewwa l-Għammieri, kif ukoll fis-santwarji volontarji, huwa sors ewlieni għat-tbatija tal-annimali. Minħabba dan in-nuqqas ta' spazju, kemm id-Direttorat tal-Annimali (Animal Welfare), kif ukoll id-Direttorat tas-Servizzi Veterinarji (VRD) jispiċċaw ma jkunux jistgħu jieħdu azzjoni neċessarja biex jinfurzaw il-liġi, u sabiex inaqqsu t-tbatija fuq l-annimali, minħabba li jsibu ruħhom kostretti u b'idejhom marbutin.

## Mill-manifest elettorali tal-Partit Laburista

371 Filwaqt li nkomplu għaddejjin bl-inizjattivi u s-servizzi eżistenti fejn jidħlu annimali domestiċi, ser intellgħu kampanja nazzjonali ta' neutering b'xejn immirata għal klieb u qtates.

## Reazzjoni tal-Kummissarju għall-Ħarsien tal-Annimali - Alison Bezzina

Ukoll, din il-wegħda hija bbażżata fuq rakkamandazzjoni li saret mill-Uffiċċju tal-Kummissarju fl-2021. Fil-budget li tħabbar f'Novembru tal-2021 ġew approvati fondi limitati għall-kampanja nazzjonali ta' neutering, immirata għall-qtates biss. Għalhekk, bi pjaċir nilqgħu il-wegħda, li din il-kampanja ser tiġi estiża għall-klieb ukoll. Dan iwassal, biex permezz tat-tiswijiet tal-klieb u l-qtates, il-popolazzjoni ta' dawn l-annimali tkun ikkontrollata, u titnaqqas it-tbatija fuq dawn l-annimali.

## Mill-manifest elettorali tal-Partit Laburista

372 Irridu nindirizzaw il-problema ta' qtates abbandunati u ser nibdew proċess sabiex il-qtates domestiċi jibdew jiġu microchipped. Dan l-eżerċizzju ser jagħti serħan il-moħħ lis-sidien tal-qtates f'każ li l-annimal jintilef.

## Reazzjoni tal-Kummissarju għall-Ħarsien tal-Annimali - Alison Bezzina

Din il-wegħda hija bbażżata wkoll fuq rakkomandazzjoni li saret mill-Uffiċċju tal-Kummissarju fl-2021. Sa ftit ġimgħat ilu, kienet għadha ma ġietx aċċettata. Issa li tinsab fil-manifest elettorali, wieħed jittama li tiġi implimentata f'qasir żmien. Bil-microchipping tal-qtates inkomplu nnaqsu l-abbandun, u meta jintilef qattus, bis-saħħa tal-microchipping, l-annimal ikun jista' jerġa jingħaqad ma' sidu.

## Mill-manifest elettorali tal-Partit Laburista

373 Fil-leġiżlatura li jmiss ser ikun qed jinfetaħ iċ-ċimiterju tal-annimali ġewwa Ta' Qali.

## Reazzjoni tal-Kummissarju għall-Ħarsien tal-Annimali - Alison Bezzina

Din hija wegħda li ntirtet minn mandati elettorali tal-passat. Tajjeb li wieħed jifhem li ċ-ċimiterju tal-annimali li qed jiġi mwiegħed, fill-fatt huwa kolumbarju (Columbarium) u mhux ċimiterju tradizzjonali fejn jindifnu l-annimali fl-art. F'kolumbarju wieħed ikun jista' jħalli l-urna bl-irmied tal-annimal tiegħu, wara li jkun sar l-inċiniramant tal-annimal..

Din il-wegħda ma kinitx ibbażata fuq rakkomandazzjoni tal-Uffiċċju tal-Kummissarju minħabba li nemmnu li l-maġġoranza ta' dawk li jinċineraw l-annimali tagħhom, jiprreferu jżommu l-urni bl-irmied fi djarhom, u mhux f'kolumbarju.

Fl-opinjoni tal-Kummissarju, dawn il-flus setgħu intużaw f'xi ħaġa aktar bżonnjuża għall-annimali.

Malta flimkien

Robert Abela 2022

## Mill-manifest elettorali tal-Partit Laburista

374 Inżidu ż-żoni tal-għawm għall-klieb u nibdew evalwazzjoni ta' dawk eżistenti sabiex nagħmluhom aktar siguri u aċċessibbli għall-annimali.

## Reazzjoni tal-Kummissarju għall-Ħarsien tal-Annimali - Alison Bezzina

Din il-wegħda ukol hija bbażżata fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissarju għall-Ħarsien tal-Annimali, li saret f'nofs is-sena 2021, wara studju estensiv fuq is-sitwazzjoni attwali tal-bajjiet u żoni tal-għawnm għall-klieb f'Malta u Għawdex.

Sa ftit jiem ilu, kien għad ma kienx hemm risposta jew impenn biex din ir-rakkommandazzjoni tiġi ndirizzata, u għalhekk din il-wegħda hija ferm pożittiva.

## Mill-manifest elettorali tal-Partit Laburista

375 Fl-aħħar snin ħdimna spalla ma' spalla mas-santwarji tal-annimali sabiex dawn ikunu f'pożizzjoni li jibqgħu joffru ħarsien xieraq lill-annimali. Ser insostnu din l-għajnuna, inkluż b'għajnuna diretta f'xogħol ta' tiswijiet u manutenzjoni fis-santwarji.

## Reazzjoni tal-Kummissarju għall-Ħarsien tal-Annimali - Alison Bezzina

Din hija wegħda biex is-santwarji tal-annimali jibqgħu jiġu mejgħuna mill-Gvern, biex ikomplu jipprovdu servizz tant bżonnjuż, li fl-aħħar mill-aħħar, jgħin biex il-pajjiż jikkontrolla s-sitwazzjoni tal-annimali abbandunati. Għalkemm din il-wegħda mihiex ibbażżata fuq rakkomandazzjoni tal-Uffiċċju tal-Kummissarju, din hija bżonjuża u pozittiva.

## Mill-manifest elettorali tal-Partit Laburista

376 Nikkunsidraw public-private partnership ma' organizzazzjonijiet volontarji jew privati biex jitwaqqaf ċentru ekwestri li jinkludi wirjiet ta' qbiż taż-żwiemel u dressage li jistgħu jiġu pprattikati s-sena kollha.

## Reazzjoni tal-Kummissarju għall-Ħarsien tal-Annimali - Alison Bezzina

Ċertament, li b'din il-wegħda, ser jibbenefika aktar il bniedem milli l-annimali. Madwar id-dinja, id-dressage u l-wirjiet taż-żwiemel huma meqjusa bħala sport, u din il-wegħda kienet tkun aktar addattata għal dak is-settur.

Fir-rigward taż-żwiemel, il-Kummissarju għall-Ħarsien tal-Annimali tirrakomanda li tinstab soluzzjoni, sabiex is-sidien taż-żwiemel li jintużaw għal-kwalunkwe sport jew għan ieħor, ikunu legalment obbligati jipprovdu pjan ta' rtirar adegwat għaż-żwiemel tagħhom meta dawn jieqfu jipparteċipaw fit-tiġrijiet jew attivitajiet oħra.

## Mill-manifest elettorali tal-Partit Laburista

377 Inkomplu ngħinu lill-kunsilli lokali jwaqqfu cat cafes għall-qtates biex inaqqsu n-numru ta’ qtates fit-toroq. Ser nidentifikaw aktar żoni li jistgħu jiġu mibdula f’dog parks biex joffru żoni ta’ eżerċizzju għall-klieb f’aktar postijiet madwar Malta.

## Reazzjoni tal-Kummissarju għall-Ħarsien tal-Annimali - Alison Bezzina

Din hija wegħda pożittiva u bżonnjuża ħafna, kemm għall-klieb kif ukoll għall-qtates. Bħalissa t-toroq mimlijin qtates (strays) u ħafna nies jitimgħuhom b'mod volontarju.

Il-cat cafes, jekk ikunu magħmula bil-ħsieb u għall-benefiċċju tal-qtates (mhux biss tan-nies) jiffaċilitaw il-proċess tat-tiswija u x-xogħol ta' min jitma.

Fil-kas ta' żoni fejn il-klieb jistgħu jittieħdu għal ftit eżerċizzju - bħalissa tant hawn nuqqas ta' dawn iż-żoni, li s-sidien ma jsibux għażla oħra ħlief li jiksru l-liġi u jħallu l-klieb tagħhom jiġru mingħajr ċinga fit-toroq u postijiet oħra. Dan huwa perikoluż ħafna, u għalhekk dawn iż-żoni speċifiċi jinħtieġu ferm.

## Manifest Elettorali Partit Nazzjonalista

MIEGĦEK.
Għal Malta

# Tliet proposti dwar il-ħarsien tal-annimali

Reazzjonijiet tal-Kummissarju għall-Ħarsien tal-Annimali
Alison Bezzina

## Mill-manifest elettorali tal-Partit Nazzjonalista

118. Niżviluppaw u nwettqu programm komprensiv għal titjib fid-drittijiet tal-annimali li jkun mibni fuq tolleranza zero għall-moħqrija, l-abbandun jew l-isfruttar kummerċjali tal-annimali f'pajjiżna.

## Reazzjoni tal-Kummissarju għall-Ħarsien tal-Annimali - Alison Bezzina

Fil-manifest elettorali tal-Partit Nazzjonalista nsibu tliett wegħdiet marbutin mal-Ħarsien tal-Annimali. L-ewwel wegħda hija waħda ġenerika li għalkemm ma tispeċifika l-ebda azzjoni partikolari, tindirizza problema ewlenija - dik ta' l-isfruttar kummerċjali tal-annimali f'pajjiżna.

Fl-2021 dan l-isfruttar ġie ndirizzat b'numru ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi li saru mill-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Ħarsien tal-Annimali - dwar annimali eżotiċi, l-annimali domestiċi u tal-irżiezet. Għalhekk din il-wegħda hija meqjusa bħala waħda pożittiva u bżonnjuża.

## Mill-manifest elettorali tal-Partit Nazzjonalista

**119.** Wara konsultazzjoni wiesgħa, titwettaq riforma sħiħa fid-Dipartiment tal-Animal Welfare bil-għan li jiżdiedu r-riżorsi, it-taħriġ kif ukoll jitjieb l-apparat ta' protezzjoni għall-ħaddiema inkluż l-użu ta' body cams għal uffiċjali li jwettqu spezzjonijiet.

## Reazzjoni tal-Kummissarju għall-Ħarsien tal-Annimali - Alison Bezzina

Id-Dipartiment tal-Animal Welfare ilu s-snin twal jipprova joffri l-aħjar servizz, madankollu, ir-riżorsi huma limitati. Għalkhemm matul is-snin, l-investiment f'dan id-Dipartiment (tal-Animal Welfare) dejjem baqa' jiżdied, ninsabu ħafna l-bogħod sabiex jintlaħaq livell ta' impenn u riżorsi li hemm bżonn, biex verament nindirizzaw il-ħarsien tal-annimali f'pajjiżna. Din il-problema ġiet indirizzata f'diversi rakkommandazzjonijiet li ressaq l-Uffiċju tal-Kummissarju għall-Ħarsien tal-Annimal fl-2021.

Għalhekk din il-wegħda hija pożittiva u bżonnjuża ħafna.

## Mill-manifest elettorali tal-Partit Nazzjonalista

**120.** Titwaqqaf sezzjoni fil-Korp tal-Pulizija iffukata fuq l-Animal Welfare li tkun tista' tuża l-mezzi disponnibbli għall-Korp f'każijiet li jinvolvu infurzar inkluż dawk ta' krudelta' tal-annimali kif ukoll l-ipperikular ta' speċi protetti jew endemiċi.

## Reazzjoni tal-Kummissarju għall-Ħarsien tal-Annimali - Alison Bezzina

Ir-rapporti fuq il-moħqrija tal-annimali dejjem jiżdiedu. Il-liġijiet li jinvolvu l-annimali huma kumplessi u d-Direttorat tal-Ħarsien tal-Annimali u d-Direttorat tar-Regolamenti Veterinarji m'għandhomx ir-riżorsi jew is-setgħa biex iwettqu ċertu investigazzjonijiet fil-fond.

Xi drabi, l-kawżi jitwarrbu qabel ma jkunu ppreżentati fil-qorti, minħabba li ma jkunx hemm biżżejjed riżorsi disponibbli biex ikunu nvestigati kif jixraq. Xi wħud jintilfu meta jkunu ppreżentati fil-qorti, minħabba nuqqas ta ġbir ta' provi.

B'hekk din il-wegħda, li titwaqqaf sezzjoni fil-Korp tal-Pulizjija iffukata (speċifikament) fuq l-annimali hija pass il-quddiem, u hija ferm meħtieġa sabiex jitjieb l-infurzar tal-liġi fir-rigward tal-annimali.

# Manifest Elettorali tal-Kandidat Indipendenti Arnold Cassola

# Proposta waħda dwar il-ħarsien tal-annimali

**Reazzjoni tal-Kummissarju għall-Ħarsien tal-Annimali Alison Bezzina**

## Mill-manifest elettorali tal-Kandidat Indipendenti Arnold Cassola

**Trattament rispettuż għall-annimali**

Waqt li sar ħafna progress fil-qasam tal-benessri tal-annimali, il-ħafna każi ta' maltrattament li għadhom iseħħu juru li ggad hemm ħafna xi jsir f'dan il-qasam. Għandu jiżdied l-appoġġ għal kampanji edukattivi fl-iskejjel li jitilqu mill-prinċipju bażiku li l-annimali, bħall-bnedmin, huma ħlejjaq li jħossu.

## Reazzjoni tal-Kummissarju għall-Ħarsien tal-Annimali - Alison Bezzina

F'dan il-manifest insibu proposta waħda li fl-aħħar mill-aħħar tirrappreżenta l-prinċipju fundamentali li fuqu jiddependi kollox. Minn eta' zgħira rridu nemmnu, nikkonvinċu, u nikkommettu ruħna sabiex inħarsu l-benessri tal-annimali. Dan għandu jiġi bbażat fuq il-fatt li l-annimali, bħall-bnedmin, huma ħlejjaq li jħossu, ferħ, dwejjaq u fuq kollox uġigħ, u sens ta' disperament.

# Manifest Elettorali tal-partiti
# ADPD, ABBA, Partit Popolari u VOLT

Sfortunatament sakemm ġie ppublikat dan id-dokument, dawn il-partiti ma kienu ppreżentaw l-ebda wegħda jew proposta fir-rigward tal-ħarsien tal-annimali.